# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 17**

**Rikors numru 801/10 MCH**

**Island Ferry Three Company Limited**
**(C11944)**

**v.**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**
**bhala successur fil-poteri u drittijiet**
**tal-Awtorita` Marittima ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf ta' ritrattazzjoni tas-socjeta` ritrattandi u ta' Dr James Pace pprezentat fl-10 ta' Awwissu 2010, u li jaqra hekk:

> "Illi fl-1 ta' Marzu 2010 l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta (bhala successor fil-poteri u drittijiet tal-Awtorita Marittima ta' Malta ai termini tal-artikolu 10(4) (gia 35(4)) tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti (Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta) ipprezentat rikors li fih ippremettiet:
>
> > ""Illi l-kumpanija Island Ferry Three Company Limited hija proprjetarja tal-bastiment "Mecklenburg" (gia bil-port ta' registrazzjoni Valletta, b'tul

ta' 53 metru), hekk kif jidher mic-certifikat ta' registrazzjoni tal-bastiment hawn anness (MTA1).

“Illi ghal dawn l-ahhar xhur, il-bastiment thalla abbandunat fil-port ta' Marsamxett, u sa mid-19 ta' Awwissu 2009 lanqas ghadu kopert b'certifikat ta' registrazzjoni.

“Illi tali bastiment li qieghed sorgut f’Sliema Creek huwa wkoll ta' periklu ghan-navigazzjoni fl-ibhra territorjali ta' Malta ghaliex mhux maghruf jekk huwiex mizmum f'kundizzjoni ta' seaworthiness u lanqas hu maghruf jekk hux qed issir manutenzjoni regolari fuqu.

“Illi ghalhekk nhar l-1 ta' Settembru 2009 l-Awtorita Marittima ta' Malta iddikjarat dan il-bastiment bhala "qieghed" "laid up" skond l-artikoli 34 u 35 tal-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta (illum l-artikoli 9 u 10 tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti, Kap. 352).

“-omissis-

“Ghaldaqstant l-Awtorita esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tordna illi l-bastiment Mecklenburg, proprjeta ta' Island Ferry Three Company Limited, gia registrat "Valletta", b'tul ta' 53 metru, jinbiegh bil-Qorti fi zmien hamsa u erbghin (45) jum ai termini tal-artikolu 10(4) tal-Kap. 352 u taghti wkoll dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

“2. Tinnomina kuratur sabiex jirrapprezenta l-kumpanija intimata Island Ferry Three Company Limited fil-kontumacja taghha, sabiex jiffirma l-att ta' trasferiment (bill of sale) u kwalunkwe dokument ancillari u necessarji in segwitu ghal tali bejgh.

“Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-eventwali bejgh tal-bastiment, pagabbli minn Island Ferry Three Company Limited u Dr. James Pace solidalment bejniethom.”

“Illi l-esponenti ma setghux jikkontestaw dawn it-talbiet peress li ma gewx notifikati skond il-ligi u peress li ma kienux jafu b'dawn il-proceduri.

“Illi b'sentenza tat-8 ta' Lulju 2010 bl-istess okkju l-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u -

““1. Tordna illi l-bastiment Mecklenburg, proprjeta ta' Island Ferry Three Company Limited, gia registrat "Valletta", b'tul ta' 53 metru, jinbiegh bil-Qorti fi zmien hamsa u erbghin (45) jum mid-data ta' dan il-provvediment ai termini tal-artikolu 10(4) tal-Kap. 352.

“2. Tinnomina bhala kuratur deputat lil Dr. Peter Fenech sabiex jirrapprezenta l-kumpanija intimata Island Ferry Three Company Limited fil-kontumacja taghha, sabiex jiffirma l-att ta' trasferiment (bill of sale) u kwalunkwe dokument ancillari u necessarji in segwitu ghal tali bejgh.

> “Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-eventwali bejgh tal-bastiment, pagabbli minn Island Ferry Three Company Limited u Dr. James Pace solidalment bejniethom, b'dan li l-kuratur deputat jithallas provvizorjament mill-Awtorita rikorrenti u skond il-ligi.”

“Illi l-esponenti saru jafu bl-imsemmi bejgh ordnat mill-Qorti meta fl-4 ta' Awwissu 2010 raw l-avviz li gie ppubblikat minn Transport Malta fil-gurnal "The Times", li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa, intitolat "Sale by Auction of Vessel MV Mecklenburg". Ghalhekk, l-esponenti jiddikjaraw illi huma saru jafu bil-fatti illi minhabba fihom qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni, wara li kien ghalaq iz-zmien tal-appell.

“Illi s-socjeta esponenti Island Ferry Three Company Limited ghandha r-registered office taghha f'numru 12, Zachary Street, Valletta, filwaqt li l-ufficcju ta' Dr. James Pace huwa 61, Flat 13/15, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, u joqghod 'Shangri-la', Sir Temi Zammit Street, Ta' Xbiex.

“Illi la fuq barra tal-ufficcju registrat tas-socjeta esponenti Island Ferry Three Company Limited u lanqas fuq barra tal-ufficcju tal-esponent Dr. James Pace jew barra r-residenza tieghu ma twahhal ebda avviz mill-purtier tal-Qorti. It-tliet indirizzi indikati ghal finijiet ta' notifika huma frekwentati regolarment mill-ufficjali tal-istess socjeta u mill-esponent Dr. James Pace, kif ukoll minn Dr. Malcolm Pace li ghandu l-ufficcju legali tieghu proprju fl-istess indirizz 61, Flat 13/15, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, u ghalhekk dawn kollha huma lesti biex jikkonfermaw bil-gurament illi l-ebda avviz ma gie mwahhal mill-purtier tal-Qorti fuq barra taz-zewg ufficcji indikati ghal finijiet ta' notifika.

“Illi konsegwentement ir-rekwiziti tal-artikolu 187 tal-Kap. 12 dwar notifika bl-affissjoni ma gewx osservati u mharsa.

“Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma fil-qosor dawn:

“Illi l-ufficjali tal-attrici, minghajr ma ghamlu l-ebda verifika mal-esponenti, assumew illi l-bastiment "Mecklenburg" kien gie abbandunat u li kien ta' periklu ghan-navigazzjoni. Fil-fatt, il-bastiment jigi regolarment spezzjonat u ssirlu l-manutenzjoni kull meta tkun mehtiega. Il-bastiment huwa u dejjem kien seaworthy, kuntrarjament ghal dak li hasbu l-ufficjali tal-attrici. Tant il-bastiment ma jaghmilx l-ilma, illi l-esponenti qatt ma kellhom ghalfejn jippumpjaw l-ilma minnu. L-unika raguni ghaliex ma kienx qed jintuza kienet ir-ricessjoni lokali u l-qaghda ekonomika globali li laqtet kemm jonfqu t-turisti meta jzuru pajjizi bhal dak taghna.

“Illi fl-umili fehma tal-esponenti, hemm lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza deciza b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad, a tenur tal-paragrafu (b) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe ghar-raguni illi:

> ““(b) jekk ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza;”

"Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-okkju tal-kawza ma sarx kif kellu jsir, u fil-fehma tal-esponenti dan sar hekk bil-ghan li ma jigi indikat hadd bhala legittimu kontradittur, haga li tikkostitwixxi irregolarita procedurali serja. Meta wiehed jistaqsi d-domanda jekk f'dan il-procediment gudizzjarju kienx hemm intimat jew konvenut, wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-okkju juri li fil-fatt ma kienx hemm intimat jew konvenut.

"Skond l-artikolu 174 tal-Kap. 12, kull skrittura ghandu jkun fiha "l-isem u l-kunjom tal-parti … li kontra taghha l-iskrittura ssir."

"Wiehed jistaqsi: X'kienet ser titlef l-attrici li kieku indikat il-legittimu kontradittur lill-Qorti? Ghalfejn dan ma giex indikat? Xi pregudizzju segwa minn dan in-nuqqas?

"Illi b'rizultat ta' din l-irregolarita, il-provi bl-affidavitipprezentati mill-Awtorita rikorrenti ma gewx debitament innotifikati lis-socjeta esponenti u lil Dr. James Pace, u b'hekk dawn ma nghataw l-ebda opportunita biex jikkontestawhom u ma giex rikonoxxut fil-konfront taghhom il-jedd li jirribattu tali provi u li jressqu provi biex imeru dak li hemm fl-affidavit.

"Illi skond l-artikolu 157 tal-Kap. 12 -

> ""Tkun ir-responsabbilita' ta' l-attur li jiehu hsieb li jigi notifikat lill-konvenut ir-rikors guramentat, kull affidavit tal-attur u [kopja] tad-dokumenti annessi mar-rikors."

"L-artikolu 160 ukoll jirrikjedi li kull affidavit li jigi pprezentat bhala prova ghandu jigi nnotifikat lill-intimat.

"Illi wiehed ikollu jikkonkludi illi -

> "1. L-attrici ggwadanjat mill-fatt li ma indikatx lill-Qorti min kien jew liema kienu l-legittimi kontradditturi;
>
> "2. Is-socjeta esponenti ma gietx innotifikata kif suppost skond il-procedura tan-notifika bl-affissjoni kontemplata fil-Kapitolu 12, u l-istess jghodd fir-rigward ta' Dr. James Pace;
>
> "3. Is-socjeta esponenti ma gietx innotifika bl-ebda mod bil-provi li tressqu mill-attrici f'dan il-procediment gudizzjarju, u l-istess jghodd fir-rigward ta' Dr. James Pace;
>
> "4. B'hekk l-attrici ddispensat milli jkollha tinvolvi lil kontradittur f'kull stadju tal-kawza, u dan bi pregudizzju kbir ghal jeddijiet tal-esponenti.

"Izda fuq kollox, l-attrici naqset li tinnotifika kif suppost lill-esponenti billi l-ebda avviz ma twahhal mal-ufficcju registrat tas-socjeta esponenti u mal-ufficcju ta' Dr. James Pace, u fil-fatt huma qatt ma setghu jaraw tali

avviz, u ghalhekk ir-rekwiziti msemmija fl-artikolu 187 ma gewx osservati u mharsa.

“Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li jaghmlu riferenza ghas-sentenza tat-8 ta' Lulju 2010 moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla , u filwaqt li jipprezentaw garanzija ghall-ispejjez, u filwaqt li jitolbu li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza fl-atti tar-Rikors numru 194/2010 RCP, jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi l-kawza deciza bil-precitata sentenza tigi ritrattata quddiem il-Qorti tal-ewwel grad a tenur tal-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 u senjatament minhabba li r-rikors promotur u l-provi bl-affidavit tal-attrici ma gewx innotifikati "lill-parti telliefa", cioe lill-esponenti. Bl-ispejjez kontra l-attrici.”

Rat ir-risposta mahlufa tal-Awtorita` ritrattata li in forza taghha eccepiet is-segwenti:

**“1. Eccezzjoni: Preliminarjament, l-lnapplikabilita tal-procedura specjali ta' ritrattazzjoni ghall-kaz.**

“i. IIli r-rikors illi l-attrici Island Ferry Three Company Limited qed tfittex ir-ritrattazzjoni tleghu mhuwiex "kawza deciza b'sentenza" fis-sens tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 imma rikors ta' natura specifika msejjes fuq procedura stabbilita f'artikolu ta' ligi specjali (I-artikolu 10(4) tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti – Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta). Din hija procedura Ii tippermetti lill-Awtorita titlob permess mill-Qorti sabiex tbiegh bastiment illi jkun thalla abbandunat fl-ibhra Maltin. [Kopja tal-provvediment tat-8 ta' Lulju, 2010 annessa bhala Dok. TM1.

“ii. IIli ghalhekk il-proceduri ta' ritrattazzjoni inkluz I-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 ma japplikawx ghal din il-procedura u r-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez.

**“2. Eccezzjoni: lIli minghajr pregudlzzju ghas-suespost, m'hemmx lok ghal ritrattazzjoni ai termini tal-artikolu 811(b) ghaliex in-notifika saret skond il-ligi u l-attrici kienet taf bil-proceduri pendenti.**

“i. IIli jirrizulta mill-atti tar-rikors 194/2010 RCP illi kemm Island Ferry Three Company Limited kif ukoll Dr. James Pace, direttur u azzjonista fl-istess kumpanija gew validament notifikati. In-notifika saret permezz tad-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali kif ukoll bl-affissjoni fl-indirizz 12, Zachary Street, Valletta [li huwa l-ufficcju registrat tal-kumpanija Island Ferry Three Company Limited] u 61, Flat 13/15, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex [li huwa I-indirizz tal-ufficcju ta' Dr. James Pace moghti

minnu stess lill-Awtorita]. Saret ukoll l-affissjoni fl-Ghases u l-Ufficcji tal-Kunsilli Lokali tal-Belt u Ta' Xbiex [Dok. TM2].

"ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici kienet taf bil-proceduri pendenti. Dan ghaliex f'zewg ittri tas-26 ta' Jannar, 2010 indirizzati rispettivament lil Dr. James Pace u "The Director - Island Ferry Three Company Limited" l-Awtorita konvenuta infurmathom illi "in view of the fact that no action has been taken [rigward it-tnehhija tal-bastiment], you are hereby being notified that the Authority will be taking legal action as contemplated in the relevant legislation" [Dok. TM3 u TM4].

"iii. Illi f'dan ir-rigward l-eccipjenti tosserva illi f'ittra mibghuta mill-attrici nhar l-4 t'Awwissu, 2010, id-data meta allegatament "skopriet" il-fatt illi saru proceduri kontriha mill-Awtorita, l-attrici ma ghamlet ebda referenza ghall-allegata nuqqas ta' notifika [Dok. TM5].

**"3. Eccezzjoni: Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hux necessarju illi ssir notifika ta' rikors illi jsir ai termini tal-artikolu 10(4) tal-Kap. 352.**

"i. Illi mill-gdid jinghad illi r-rikors li tieghu qed tintalab ir-ritrattazzjoni mhuwiex "rikors guramentat" imma rikors specifiku ai termini tal-artikolu 10(4) tal-Kap. 352 illi permezz tieghu:
l-Awtorlta tista' tapplika lill-Prim Awla tal-Qorti Civili biex tohrog ordni biex il-bastiment jinbiegh il-Qorti

"ii. Illi l-ligi in kwestjoni ma timponi ebda obbligu ta' notifika tar-rikors imsemmi.

"iii. Illi ghalhekk, jekk ghall-grazzja tal-argument, dato ma non concesso, kien hemm affissjoni nieqsa, dan ma jirrendix il-proceduri irregolari kif qed isostnu l-atturi.

"iv. Illi b'referenza specifika ghall-affidavits illi skond l-attricl kellhom jigu notifikati ai termini tal-artikolu 157 tal-Kap. 12 l-eccipjenti tosserva l-ewwelnett illi l-artikolu 157 ma japplikax ghal dan il-kaz u t-tieni nett li tali artikolu jimponi obbligu ta' notifika ta' kwalunkwe affidavit anness mar-rikors guramentat u mhux ta' affidavitsipprezentati wara l-prezentata tar-rikors guramentat.

**"4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi."**

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Marzu 2013, li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u qieset li l-

azzjoni mibdija mir-rikorrenti mhix flokha u kwindi cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontrihom;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Din hi procedura ta' ritrattazzjoni minn decizjoni mhux appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Lulju 2010 wara proceduri mibdija permezz ta' rikors li ttiehdu mill-Awtorita intimata biex jinbiegh il-vapur Mecklenburg propjeta tas-socjeta Island Ferry Three Company Limited u dan ai termini tal-artikolu 10(4) tal-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "Dan l-artikolu jghid hekk:
>
>> ""10. (1) L-Awtorità tista' tordna li kull bastiment li jkun thalla qieghed f'port f'Malta bla permess ihalli dak il-port f'dak iz-zmien li tista' tistabbilixxi.
>>
>> "(2) Tkun ir-responsabbiltà tal-kaptan, sid jew agent tal-bastiment, li jhares kull ordni moghti kif intqal qabel.
>>
>> "(3) Minkejja kull disposizzjoni ohra ta' ligi, bastiment li jkun thalla qieghed f'xi port f'Malta, wara li jkun inghata ordni biex jitlaq, ikun suggett li jinbiegh kif provdut f'dan l-artikolu.
>>
>> "(4) Ma' l-avviz ta' erbatax-il jum lill-kaptan tal-bastiment, l-Awtorità tista' tapplika lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex tohrog ordni biex il-bastiment jinbiegh bil-qorti; u l-bejgh bil-qorti ghandu jsir fi zmien hamsa u erbghin jum mid-data li fiha jkun sar l-ordni tal-qorti."
>
> "Tajjeb ukoll ghal kompletezza jigi indikat l-artikolu procedenti li jwassal ghal din it-talba.
>
>> "9. (1) Il-kaptan, is-sid jew l-agent ta' bastiment, m'ghandux ihalli dak il-bastiment qieghed jew izommu ghal iktar minn kemm ikun mehtieg f'port hlief bil-permess miktub bil-quddiem ta' l-Awtorità.
>>
>> "(2) Fl-ghoti ta' dak il-permess l-Awtorità tista' taghmel dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u b'mod partikolari tista' tispecifika z-zmien li matulu dak il-bastiment hekk jista' jithalla qieghed.
>>
>> "(3) Malli jaghlaq dak iz-zmien, jew ma' xi ksur jew nuqqas ta' tharis ta' xi wahda mill-imsemmija kundizzjonijiet, il-permess moghti mill-Awtorità jiskadi, sakemm l-Awtorità ma ggeddidx dak il-permess.
>>
>> "(4) L-Awtorità tista', ma' l-ghoti ta' avviz ta' mhux inqas minn tlett ijiem, thassar kull permess moghti taht dan l-artikolu."

"Maghdud dan irid jigi ccarat illi dan hu rikors ghal ritrattazzjoni minn decizjoni tal-Qorti ta' Prim Istanza li marret in gudikat u bhala tali l-Qorti ghandha timxi mal-binarju strett ta' dak mitlub billi l-istitut ta' ritrattazzjoni hu wiehed specjali u r-rimedju hu ta' indoli straordinarja u kwindi r-regoli li jiggvernaw dan l-istatut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Kif qalet il-Qorti fil-kawza kostituzzjonali **Leonard Muscat et vs Onor. Prim Ministru** (31/07/2000):

> ""L-istitut ta' ritrattazzjoni jipprovdi rimedju ultimissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali, bl-iskop li jigu rattifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikat u b'hekk tigi evitata miscarriage of justice u tinsab gustizzja sostanzjali ghal partijiet.
>
> "Il-ligi pero tirrestringi dan ir-rimedju ghal certi ragunijiet biss li huma tassativament elenkati fil-ligi. Inoltre l-ligi timponi certi kondizzjonijiet ghal ezercizzju tal-istess rimedju li wiehed hu mistenni josservahom skrupolozament."

"L-istadji ta' ritrattazzjoni huma tnejn, dak 'rescendente' u dak 'rescissorio' u dawn iridu jintalbu mir-ritrattand kif fil-fatt gie mitlub mir-rikorrenti odjerni. Pero fil-kaz ta' decizjonijiet ritrattati mill-Prim Istanza l-ligi tehtieg pre-kondizzjoni ohra cioe li r-ritrattand sar jaf bil-fatt li intitolah jistitwixxi dawn il-proceduri wara li kien skorra z-zmien tal-appell.

"Dan hu prceiz l-ilment tar-rikorrent cioe illi huma ma kienux jafu bil-proceduri kontrihom ghax qatt ma gew notifikati skond il-ligi u saru jafu b'kumbinazzjoni ghax xi hadd ra avviz ta' bejgh tal-vapur f'Awwissu 2010 cioe wara li kien ghadda kull terminu ta' appell.

"Ir-rikorrent qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 li jaghti lok ghal ritrattazzjoni jekk ma tkunx giet notifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet notifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza.

"Qabel pero ma l-Qorti tidhol f'din il-kwistjoni trid tigi studjata l-eccezzjoni preliminari tal-intimat cioe illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni mhux applikabbli ghal kaz odjern.

**"Eccezzjoni dwar l-inapplikabilita tal-procedura**

"Din l-eccezzjoni fiha hafna mertu. Il-procedura ta' ritrattazzjoni hi intiza ghal <u>kawza</u> deciza b'<u>sentenza</u> ta' Prim Istanza li marret in gudikat jew deciza b'sentenza mill-Qorti tal-Appell.

"Il-procediment li ta lok ghal din il-procedura ma tistax titqies bhala kawza izda talba maghmula a bazi ta' ligi specjali biex il-Qorti taghti provvediment jew ordni ta' bejgh gudizjarju wara li r-rikorrenti cioe l-Awtorita ghat-Trasport tkun hadet mizuri amministrattivi kontra l-vapur Mecklenburg skond ma jipprovdi l-artikolu 9 tal-Kap. 353.

"Apparti l-kwistjoni li din mhix procedura mehuda taht il-Kap. 12 cioe l-procedura normali ta' kawza permezz ta' rikors guramentat, din il-procedura specjali mehuda b'rikors semplici hi intiza biss ghal ordni biex jigi ezegwit dritt li l-ligi taghti lill-Awtorita. L-iskop wara din it-talba hi intiza biex l-Awtorita ma jkollhiex diskrezzjoni assoluta izda li l-ordni tigi msahha bil-beneplacitu tal-Qorti wara li l-istess Qorti tkun ivverifikat li l-Awtorita ottemperat ruhha mal-ligi f'dak li l-istess ligi taghti qua poteri lill-Awtorita ghat-Trasport. Din l-ordni hi aktar kompatibbli ma digriet jew provvediment ta' esekuzzjoni ta' titolu milli kawza, kif donnu qed jipprospettaw ir-rikorrenti.

"Il-ligi tar-ritrattazzjoni tesigi li ghal finijiet tal-applikabilita tal-artikolu 811 et seq. li jkun hemm kawza u sentenza. Hi l-fehma tal-Qorti illi fil-proceduri decizi hawn la hemm kawza u anqas sentenza kif trid il-ligi fl-interpretazzjoni ristretta li taghti lok ghal ritrattazzjoni.

"Intqal fis-sentenzi **Anthony Ventura noe vs Michael Fenech noe** (App. Civ. 27/04/2001) illi ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni minn sentenza parzjali ta' Qorti billi tali sentenza ma tkunx ddecidiet il-mertu bejn il-partijiet b'mod definittiv. F'dan il-kaz kienet giet deciza eccezzjoni preliminari.

"L-istess interpretazzjoni inghatat f'kaz ta' ritrattazzjoni minn digriet (ara **Philip Gatt pro et noe vs Adrian Busietta pro et noe**, deciz fid-9 ta' Mejju 2002, li fil-fehma tal-Qorti ma ddefinietx vertenza bejn zewg partijiet.

"Anki fi kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali (u dan qabel ma nbidlet il-ligi) ma kienx permissibbli ritrattazzjoni minn proceduri mehudin ghal rimedju dwar allegat ksur ta' jedd fundamentali mahsub taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni jew taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 319 (ara **Paul Stoner vs Onor. Prim Ministru**, App. Kost. 28/06/1996).

"Ir-ratio wara dawn is-sentenzi hu sabiex jigi limitat l-estensjoni ta' smigh mill-gdid ta' vertenzi biss ghal dak li specifikament trid il-ligi, cioe kawza u sentenza.

"F'din il-vertenza li qed tigi ritrattata n-natura ta' procediment mhux t-tmien ta' kontroversja bejn zewg partijiet b'sentenza definittiva izda biss talba ghal ordni biex Awtorita tezegwixxi dak li l-ligi taghtiha jedd taghmel. Tant hu hekk illi r-rikors ma fihx kontroparti u t-talba ssir mill-Awtorita lill-Qorti ghall-awtorizazzjoni li tpoggi fis-sehh poter li l-ligi taghti lill-Awtorita wara l-imsemmija awtorizazzjoni. Proceduralment lanqas hu di rigore n-notifika pero l-Qorti li tat l-awtorizazzjoni ghamlet sew fil-fehma ta' din il-Qorti, li harget in-notifika lil parti interessata u dan sabiex l-istess parti tkun mgharfa b'dak mitlub li jigi awtorizzat u li dak li qed jigi awtorizzat hu konformi ma' dak li trid l-istess ligi. Ma kienx l-iskop tal-ewwel Qorti li tiftah vertenza bejn il-partijiet jew li takkorda jew tinvesti xi smigh f'mertu mhux fl-iskop tal-artikolu 10(4) tal-Kap. 352.

> "Ghalhekk hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-procedura uzata mir-rikorrenti f'din il-procedura hi barra minn postha, ghalkemm ma jfissirx li r-rikorrenti ma kellhomx ir-rimedju ordinarju li jattakkaw provvedimenti tal-Qorti li ma jikkostitwix sentenza izda biss provvedimenti taghha taht ligi specjali."

Rat ir-rikors tal-appell tar-ritrattandi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … thassar u tirrevoka d-digriet u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Marzu 2013, u minflok ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talba tal-esponenti fir-rikors taghhom deciz fit-12 ta' Marzu, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati appellati u tilqa' t-talbiet tal-esponenti appellant u billi tordna illi l-kawza deciza fit-8 ta' Lulju 2010 tigi ritrattata quddiem il-Qorti tal-ewwel grad a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 u senjatament minhabba li r-rikors promotur u l-provi bl-affidavit tal-Awtorita` attrici ma gewx innotifikati lill-parti telliefa, cioe` lill-esponenti, bl-ispejjez kontra l-appellati."

Rat ir-risposta tas-socjeta` ritrattata li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti:

> "… … illi s-sentenza appellata hija legalment korretta, gusta u timmerita konferma u li t-talbiet tal-attrici appellant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kolha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni wara ordni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Lulju 2010. L-ewwel Qorti cahdet din it-

talba ghax qieset li ma hemmx lok ta' tali procedura wara ordni moghtija fuq talba b'rikors.

Is-socjeta` ritrattandi u Dr James Pace appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti, pero`, din il-Qorti ma tarax li l-appell hu misthoqq.

Huwa pacifiku illi l-procedura ta' ritrattazzjoni hija meqjusa mill-qrati taghna bhala wahda straordinarja (ara **Testaferrata Moroni Viani v. Vella**, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Settembru 2004), u li, ghalhekk l-applikazzjoni taghha ghandha tkun wahda restrittiva b'dan illi *"il-limiti tar-ritrattazzjoni jigu arginati ghal dawk tassattivament indikati mil-ligi"* – **Cutajar v. Muscat**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-12 ta' Mejju 2003.

In linea ma' dan il-principju gie wkoll meqjus illi r-ritrattazzjoni mhix applikabbli f'kaz ta' decizjoni b'digriet interlokutorju (**Ventura noe v. Fenech noe**, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' April 2001). Lanqas huwa applikabbli ghal sentenzi tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (**Mifsud v. Degiorgio**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-11 ta' Frar 2004) u ghas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali (**Bradshaw v. Avukat Generali et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2016).

Inoltre, gie deciz ukoll li din il-procedura ta' ritrattazzjoni mhux applikabbli wara decizjonijiet preliminari, izda tapplika biss wara sentenza finali f'kawza. In propositu, intqal fil-kawza fl-ismijiet **Buttigieg v. Caruana**, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Marzu 2016 illi:

> "L-argument li l-ispiritu tal-ligi hu li kull sentenza li hi ta' natura finali hija ritrattabbli ma jregix, peress li din ma hijiex dicitura li uzat il-ligi. Meta dahal fil-ligi l-istitut ta' ritrattazzjoni, kien gia` possibbli ghal-qrati li jaghtu sentenzi in parte, ciononostante l-Legislatur ried u hekk illegizla li r-rimedju jkun disponibbli biss meta l-kawza tigi deciza u mhux meta tinghata sentenza parzjali, anke jekk finali."

Mhux kontestat illi l-procedura li taghha l-attrici qed titlob ir-ritrattazzjoni mhijiex wahda mibdija b'rikors guramentat, izda huwa rikors appozitu stabbilit minn ligi specjali, senjatament l-"Att dwar Portijiet u Bastiment" (Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta), Artikolu 10:

> "10. (1) L-Awtorita` tista' tordna li kull bastiment li jkun thalla qieghed f'port f'Malta bla permess ihalli dak il-port f'dak iz-zmien li tista' tistabbilixxi.
>
> (2) Tkun ir-responsabbilta` tal-kaptan, sid jew agent tal-bastiment, li jhares kull ordni moghti kif intqal qabel.
>
> (3) Minkejja kull disposizzjoni ohra ta' ligi, bastiment li jkun thalla qieghed f'xi port f'Malta, wara li jkun inghata ordni biex jitlaq, ikun suggett li jinbiegh kif provdut f'dan l-artikolu.
>
> (4) Ma' l-avviz ta' erbatax-il jum lill-kaptan tal-bastiment, l-Awtorita` tista' tapplika lill-Prim'Awla tal-Qort Civili biex tohrog ordni biex il-bastiment jinbiegh bil-qorti; u l-bejgh bil-qorti ghandu jsir fi zmien hamsa u erbghin jum mid-data li fiha jkun sar l-ordni tal-qorti."

Illi mkien, l-Att imsemmi, ma jaghti x'jifhem illi din l-*applikazzjoni* lill-Qorti Civili hija kawza, jew analoga ghal kawza, jew ghal rikors mahluf, jew li hemm minnha lok ghal appell u/jew ritrattazzjoni. Tant hu hekk, illi

strettament l-Artikolu 10(4) fuq citat ma jitkellimx dwar *decizjoni* jew *sentenza* izda dwar *ordni tal-Qorti*.

Fil-provvediment li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Lulju 2010, hu veru li dik il-Qorti tirreferi ghall-atti bhala *kawza*, *kaz* jew *rikors*, pero`, jibqa' l-fatt li l-meritu ma kienx kawza deciza b'sentenza, kif trid il-ligi ghall-applikazzjoni ta' din il-procedura. Ir-rikors kien gie differit ghall-provvediment finali – kif espressament osservat dik il-Qorti – u darba ma hemmx kawza li giet deciza b'sentenza finali ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` Island Ferry Three Co. Ltd u ta' Dr James Pace, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk in prim'istanza, jithallsu mill-appellanti *in solidum*.

B'dan ukoll peress li din il-Qorti tqis li t-talba għar-ritrattazzjoni kienet wahda frivola u vessatorja tikkundanna lis-socjeta` Island Ferry Three Company Limited u Dr James Pace ihallsu l-ispejjez doppji u dan solidament bejniethom kif previst fl-Artikolu 223 (4) tal-Kap. 12.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld